**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 307/22 AL

AB

vs

CD

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fil-erbgha ta' Novembru tas-sena elfejn sbatax (4.11.2017) (Dokument SA1) u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Katrin Bartolo fis-sitta ta' Dicembru tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (6.12.2021) (Kopja Legali annessa u mmarkata Dokument SA2).

3. Illi l-istess kontendenti kien ilhom minn Mejju tas-sena 2021 jgħixu mhux flimkien, kif ddikjarat minnhom fil-paragrafu numru 'iv' tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

4. Illi kif jirrizulta minn klawzola numru 2 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il kontendenti.

6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. A dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti tenur tad joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dawk il kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jiddikjara li ma jopponiex ghad-Divorzju stante li jaqbel mal-premessi u mat-talbiet tar-rikorrenti kollha, salv ghall-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien minn Mejju 2021 u ilhom legalment separati mis-6 ta’ Dicembru 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.